**LEĦEN IL-PARROĊĊA**
**TAL-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA**
**BURMARRAD**

*Mejju 2017* *Nru: 405*

---

## Mistagoġija



Iż-żmien ta' wara l-Għid il-Kbir il-Knisja tużah biex tkompli tiġġedded fil-ferħ tal-ħajja ġdida li tana Ġesù bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Hija tradizzjoni antika ħafna li tul il-ħamsin jum tal-Għid l-insara l-ġodda jiltaqgħu biex jifhmu dak li rċevew u jitgħallmu jgħixu l-ħajja nisranija fil-fidi li rċevew bħala don permezz tal-magħmudija. Il-mistagoġija hija l-interpretazzjoni tal-misteri (il-ġrajjiet tal-fidi) li nkunu ċċelebrajna biex inkunu nistgħu ninżlu fil-fond, nifhmu u ngħixu dak li s'issa niċċelebraw bis-simboli.

Aħna li rċevejna s-sagramenti li laqqgħuna personalment ma' Ġesù rxoxt, ta' kull sena niċċelebraw dan iż-żmien tal-Għid biex inħallu lill-Mulej imiss u jittrasforma ħajjitna u ninżlu aktar fil-fond tat-twemmin tagħna biex il-ħajja nisranija tagħna tkun awtentika.

Ladarba l-Mulej tani l-grazzja li nerġa' niċċelebra l-Għid għal sena oħra, kemm qed nieħu bis-serjetà d-dmir li nifforma l-kuxjenza tiegħi fid-dawl tal-Kelma ta' Alla u t-tagħlim tal-Knisja?

*P. Christian Anthony M. Borg OFM Conv.*
*Kappillan*

**Tista' taqra r-rivista Flimkien online:**
*http://thechurchinmalta.org/en/posts/category/flimkienmags*

---

☎ 21573045 / 77622275 parrocca.burmarrad@maltadiocese.org
www.parroċċaburmarrad.com Il-Parroċċa ta' Burmarrad

## Id-doni tal-Ispirtu s-Santu



Il-Mulej irxoxt sawwab fuq id-dixxipli tiegħu l-Ispirtu s-Santu. L-istess Spirtu li janima lil Kristu janima lilna li rċevejnieh. Ma nistgħux ngħidu li filwaqt li Ġesù kellu qawwa speċjali għaliex l-Iben t'Alla aħna ma nistgħux ngħixu l-ħajja ta' grazzja li hu jsejjħilna għaliha. Alla tana d-don tal-Ispirtu biex ngħixu l-ħajja nisranija f'xebh ma' Ġesù.

Aħna u nitolbu lill-Ispirtu s-Santu jġeddidna xieraq nifhmu aħjar, għalkemm fil-qosor, liema huma d-doni li rċevejna permezz tas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof:

*GĦERF* – Biex nara d-dinja kif jaraha Alla
*FEHMA* - Biex nifhem fil-fond il-misteri tal-Fidi
*KUNSILL* - Biex nagħmel deċiżjonijiet għaqlin
*QAWWA* - Biex isaħħaħ ir-rieda tiegħi
*XJENZA* - Biex idawwal lil moħħi
*PJETÀ* - Biex inħobb u naqdi lil Alla
*BIŻA' T'ALLA* - Biex nirrispetta l-kobor ta' Alla



# Il-Ħdud tal-Għid



Kif diġà ħabbarna f'April, sa jkollna żewġt iħdud li fihom ngħixu l-esperjenza ta' Jum il-Mulej flimkien bħala komunità nisranija kif kienu jagħmlu l-ewwel insara.

Sa niltaqgħu **fil-Knisja ta' San Mikiel fl-Imdawra fl-10am** għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, wara waqfa qasira għall-kafè fil-11am ikollna katekeżi u wara nieklu xi ħaġa flimkien (kulħadd iġib miegħu dak li jixtieq jiekol) imdawwrin mill-ambjent sabiħ tar-rebbiegħa. Hemm post fejn jistgħu jilgħabu t-tfal ukoll.

Żomm dawn iż-żewġ dati liberi biex tkun tista' tingħaqad magħna:

**7 ta' Mejju** – L-eżortazzjoni tal-Papa dwar l-imħabba fil-Familja "Amoris Laetitia"

**21 ta' Mejju** – It-tifsira tal-Liturġija li niċċelebraw (jitwieġbu l-mistoqsijiet ta' dawk preżenti)

***N.B.*** *Jekk xi ħadd ikollu bżonn trasport jinfurmana minn qabel.*

Nirringrazzjaw lil dawk li diġà taw l-offerta tagħhom għall-manutenzjoni tal-linef tal-Knisja. Bl-għajuna tagħkom nistgħu nkomplu nieħdu ħsieb il-Knisja. Għad fadal l-aħħar tliet linef biex inkunu ġbarna s-somma kollha. Grazzi mill-qalb lil dawk li sa jgħinu!

# 100 sena mid-dehriet f'Fatima

*Fil-mitt anniversarju tad-dehriet ta' Sidtna Marija f'Fatima qegħdin inwasslulkom xi tagħrif dwar din il-ġrajja. Ħajr lil www.laikos.org*

Il-ġrajja ta' Fatima tibda fix-xahar ta' Mejju, 1917. L-Ewwel Gwerra Dinjija kienet fl-aqwa tagħha. Żmien ta' ħerba, mwiet u biża'. Il-Papa Benedittu XV talab lit-tfal kollha tad-dinja biex jitolbu għall-paċi.



Fit-13 ta' Mejju, fir-raħal ċkejken ta' Fatima, qrib Lisbona fil-Portugall, tlitt itfal kienu jirgħu in-ngħaġ fil-*Cova da Iria*. Dawn kienu Luċija ta' ħdax-il sena, Franġisku u l-kuġin tagħha, ta' disa' snin, u Ġaċinta, oħtu, ta' sebgħa. Luċija kienet imħassba dwar ħuha li kien suldat mibgħut għall-gwerra.

F'nofsinhar, hekk kif it-tfal temmew ir-Rużarju li kienu jgħidu ta' kuljum, raw il-leħħa tal-beraq fis-sema u semgħu ir-ragħad ikarwat. Dan beżżagħhom ħafna għax l-ajru kien tasew bnazzi! Huma ħaffu jniżżlu n-ngħaġ minn fuq l-għolja u saquhom lejn post għall-kenn.

Imbagħad, waqt li kienu jħarsu mistagħġba, lemħu sinjura sabiħa wieqfa fuq sħaba li kienet imwieżna fuq balluta tal-liċi. F'idha kellha kuruna tar-Rużarju u l-libsa bajda tagħha kienet tlellex b'dawl tas-sema. Luċija staqsiet lis-Sinjura mnejn kienet ġiet. ``Mis-sema," weġbitha s-Sinjura.

Is-Sinjura talbet lit-tfal biex darba fix-xahar, għal sitt xhur wara xulxin, imorru f'dak l-istess post. Fuq mistoqsija ta' Luċija s-Sinjura wieġbet li hi u Ġaċinta kellhom imorru l-ġenna, u Franġisku wkoll, imma hu kien jeħtieġlu jgħid iżjed Rużarju.

Franġisku resaq 'il-quddiem konfuż dwar x'kien qed jiġri, għax hu la kien qed jara u lanqas jisma' lill-Madonna. Is-Sinjura qalet lil Luċija li Franġisku ried jitlob iżjed, u jgħid iżjed Rużarju, imbagħad hu wkoll ikun jista' jaraha.

Luċija staqsietha jekk il-gwerra kinetx ser iddum ma tispiċċa. It-tfal iddawlu b'raġġi minn idejn il-Madonna. Qaltilhom li dak il-ħin ma setgħetx tkellimhom dwar il-gwerra, imma setgħet tgħidilhom li huma kellhom ibatu ħafna. "Għidu r-Rużarju kuljum u offruh għall-paċi," temmet tgħidilhom. Imbagħad id-dehra għebet.

Wara nofsinhar, fi triqthom lejn id-dar, ftiehmu bejniethom li ma jgħidu lil ħadd b'dak li kienu raw. Iżda meta waslu d-dar Ġaċinta, u mbagħad Franġisku, qalu lil ommhom.

Meta ommhom qalet bil-biċċa lil omm Luċija, iż-żewġ nisa bdew jeħduha magħha u jgħidulha ma tivvintax iżjed gideb. Imma Luċija baqgħet tinsisti: "Mamà", tassew li rajna sinjura sabiħa."

Omm Luċija ma tatx permess lil bintha biex tarġa' żżur il-post tad-dehra. Iżda meta t-13 ta' Ġunju wasal qalb l-omm irtabet u ħallietha tmur.

Xi rġiel waqqfu lil Luċija fit-triq u offrewlha l-flus biex ma tmurx fil-*Cova.* Iżda hi qaltilhom li ma ridetx flus u kompliet triqtha b'ċorma tfal bniet mexjin warajha.

Kien nofsinhar meta Luċija fil-*Cova da Iria* rat l-istess dawl għammiexi li kienet rat qabel l-ewwel dehra. ``Ġaċinta, Frangisku", bdiet tgħajjat, ``is-Sinjura ġejja!"

Is-Sinjura qalet lit-tfal biex jerġgħu jmorru hemm fit-13 tax-xahar ta' wara, u biex igħidu ħames posti Rużarju kuljum. Il-Madonna talbet ukoll lil Luċija biex titgħallem taqra.

Is-Sinjura qalet lil Luċija li Ġaċinta u Franġisku kellhom imorru l-ġenna fi żmien qasir, iżda hi, Luċija, kien se jkollha tistenna, għaliex "Ġesu jrid ixerred id-

devozzjoni lejn il-Qalb Immakulata tiegħi permezz tiegħek. Hija tkun ir-refuġju tiegħek."

Waqt li kienu jħarsu għarkubbtejhom it-tfal setgħu jaraw il-Qalb Bla Tebgħa tal-Madonna mdawra bix-xewk simbolu tad-dnubiet tal-umanità.

Is-sħaba għebet fis-sema u Luċija qamet bilwieqfa f'daqqa waħda. It-tifla firxet idejha quddiemha, donnha biex tipprova żżomm id-dehra għal ftit ieħor.

Kull fejn tmur Luċija bdiet issib min jistaqsiha dwar id-dehra tat-13 ta' Ġunju. L-aħbar ta' dik il-ġrajja kienet xterdet malajr.

Rosa, omm Luċija, kienet tassew inkwetata. Lil bintha bdiet issejħilha giddieba. Il-Kappillan tal-post ħaseb li t-tfal setgħu raw xi ħaġa, forsi ħidma tax-xitan. Min-naħa tiegħu l-gvern ma kienx iħares bil-ħlewwa lejn ħrejjef dwar mirakli.

Il-qassis tant żera' dubji f'moħħ Luċija li din qalet lit-tnejn l-oħra li ma kinetx fi ħsiebha tmur fil-*Cova* fit-13 tax-xahar ta' wara.

Iżda mqanqla mid-dmugħ ta' Ġaċinta u Franġisku, Luċija marret fil-*Cova* fit-13 ta' Lulju. Folla kbira kienet inġemgħet madwar il-balluta, kulħadd lest biex jiddieħek bit-tfal.

Iżda meta tfaċċat is-sħaba u nħasset żiffa friska. Luċija fehmet li s-Sinjura kienet preżenti. It-tifla talbet lill-irġiel biex jinżgħu l-brieret filwaqt li hi  u t-tfal l-oħra niżlu għarkubbtejhom u bdew jitolbu. Ir-raġġi tax-xemx kienu għebu.

Is-Sinjura qalet lil Luċija biex ikomplu jitolbu għall-paċi u jerġgħu jmorru fil-*Cova* x-xahar ta' wara. Luċija talbitha biex twettaq miraklu ħalli jarawh l-oħrajn u jemmnu. Imma s-Sinjura qalitilha biex jissoktaw igħidu r-Rużarju għall–konverżjoni tal-midinbin u wegħditha li xi morda kellhom ifiqu.

Ħafna nies mill-folla talbu lit-tfal igħidulhom x'kienu raw u semgħu. Iżda ħadd mit-tfal ma ried jitkellem għax

is-Sinjura kienet talbithom biex ma jgħidu xejn minn dak li kienet qaltilhom għax kien għadu mhux il-waqt.

Kien fl-1941 li Luċija rrevelat parti mill-messaġġ tal-Madonna lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi: Raġġi ta' dawl minn idejn is-Sinjura kienu nifdu l-art li nfetħet u wriet dehra li twerwer tal-fjammi eterni tal-infern.

Il-Madonna kienet qalet li jekk ir-Russja ma tikkonvertix saċerdoti kellhom jiġu torturati u knejjes desakrati. Id-devozzjoni lejn il-Qalb Bla Tebgħa tagħha kienet mezz li jbiegħed gwerra qerrieda oħra. It-Tqarbin fl-ewwel Sibt tax-xahar għal ħames xhur wara xulxin kellu jgħin biex tiġi l-paċi.

Id-dehriet ta' Fatima kienu suġġett kontroversjali. Is-saċerdoti kienu qed jiġu akkużati li qed jippruvaw iqarrqu bil-poplu. Fost l-għedewwa tal-Knisja kien hemm l-Ordni tal-Mażuni li ħeġġet lis-Sindku biex ifittex jeqred dawk ix-xnigħat.

Luċija, missierha u zijuha ssejħu fl-uffiċċju tas-sindku u dan ordna lil Luċija biex twaqqaf il-qerq tagħha. Iżda Luċija qaltlu: "Jien ma jiena nqarraq b'ħadd. Ma ngħid xejn ħlief dak li qaltli s-Sinjura"

Madwar 20,000 ruħ kienu nġabru fil-*Cova* fit-13 t'Awissu, minkejja l-ordni tas-Sindku. Iżda b'għaġeb ta' kulħadd it-tfal ma dehrux.

Missier Luċija ma damx ma tarrfilhom li s-Sindku kien daħħal it-tfal f'nasba. Għamel tabirruħu li sa jwassalhom fil-*Cova* bil-karettun tiegħu, u minflok ħadhom f'daru u qafilhom hemm.

Fil-Cova, għall-ħabta ta' nofsinhar, instemgħet ragħda. Sħaba bajda niżlet għal ftit waqtiet fuq il-balluta, u mbagħad reġgħet għebet bil-mod il-mod. Il-folla fehmet li s-Sinjura kienet ġiet u reġgħet marret. Kienu t-tfal li ma żammewx l-appuntament.

*Ikompli...*

## Kalendarju Mejju 2017

**5** L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Quddiesa għat-tfal fil-5.30pm.

**7** Quddiesa u Katekeżi fuq l-ittra tal-Papa fuq l-imħabba fil-familja fil-Knisja ta' San Mikiel fl-10am. Wara *picnic* għal kulħadd quddiem l-istess knisja. *(ara paġna 3 għad-dettalji)*

**6-7** Bazaar organizzat mill-Kumitat Festa.

**8** Supplika lill-Madonna ta' Pompei fil-Knisja f'nofsinhar.

**13** Majjalata fuq iz-zuntier organizzata mill-Kumitat Festa. Jintwera' l-Eurovision. Iridu jinxtraw il-biljetti minn qabel.

**14** Jum l-Omm

**19** Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina fil-5.30pm fil-MUSEUM.

**21** Quddiesa u Katekeżi Liturġika fl-10am. Wara *picnic* għal kulħadd quddiem l-istess knisja.

Kull **nhar ta' Ħamis** il-membri tal-Leġjun ta' Marija sa jkunu qed jitolbu r-**rużarju** fi Triq Manwel Bonnici fil-5pm. Wara l-quddiesa tas-7pm ssir **Adorazzjoni Ewkaristika fil-Knisja**.

**Fit-3 ta' Ġunju** niċċelebraw il-Vġili ta' Għid il-Ħamsin **fis-7pm**. Flimkien nitolbu lill-Ispirtu s-Santu jagħti ħajja mġedda lill-parroċċa tagħna. Il-kappillan isejjaħ lill-membri kollha tal-għaqdiet, kummissjonijiet u kumitati tal-parroċċa biex ikunu preżenti.